# QORTI   TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 18**

**Rikors numru 22/20/1 ISB**

**Michele Peresso Limited (C 6469)**

**v.**

**De Tigne Limited (C 14859)**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta appell tas-soċjeta` konvenuta minn sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fil-25 ta' Frar, 2021, dwar l-eċċezzjoni tal-allegata rritwalita` tat-talba attriċi għax-xoljiment u stralċ tal-kumpanija konvenuta.

2. Il-proċeduri bdew b'rikors li l-attriċi ppreżentat fl-20 ta` Lulju, 2020, li bih ippremettiet u talbet:

*"1. Premess illi s-socjeta rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta intimata, u dana wara li giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta De Tigne Limited fl-ammont ta` €211,978.80 permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-ismijiet Michele Peresso Limited vs De Tigne Limited ed deciza fit-18 ta` Novembru 2019, liema sentenza ghaddiet in gudikat;*

*2. U Billi in ezekuzzjoni tad-drittijiet taghhom is-socjetajiet rikorrenti harget Mandat ta` Sekwestru ezekuttiv numru 27/2020 fl-ismijiet : Michele Peresso Limited v De Tigne Limited fit-8 ta' Jannar 2020;*

*3. U Billi qabel dan il-mandat l-esponenti kien interpella lis-socjeta intimata sabiex teffettwa l-hlas diversi drabi;*

*4. U Billi dan is-sekwestru kien ineffettiv billi ma gie depositat l-ebda ammont fil-Qorti u ma thallas xejn lil rikorrenti;*

*5. U Billi n-negozju tas-socjeta intimata kienet li tissulloka spazju kummercjali lil diversi hwienet, dan l-ispazju ma kienx proprjetà tas-socjeta attrici izda kien mikri, u ma jidhirx li l-intimata ghadha qed topera;*

*6. U Billi ghalhekk is-socjeta hija fi stat insolventi u mhix kapaci li thallas id-djun taghha;*

*7. U Billi kumpannija tista' xxolji u tkun stralcjata mill-qorti fejn ma tkunx tista' thallas id-djun taghha a tenur tal-Art 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*8. U Billi fi kwalsiasi kaz hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija a tenur tal-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost ir-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni ohra xierqa u opportuna, joghgobha:*

*1. Tiddikjara illi l–kumpannija m'hijiex kapaci thallas id-djun taghha ghal finijiet tal-Art 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta*

*2. Tiddikjara illi n-negozju tal-kumpanija huwa sospiz ghal perijodu bla waqfien ta' erbgha u ghoxrin xahar;*

*3. Tiddikjara illi jezistu ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija a tenur tal-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*4. Tordna l-istralc mill-Qorti tas-socjeta' intimata skont id-dispozizzjonijiet tas-Sub-Titolu I tat-Titolu II tat-Taqsima V tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*5. Tordna illi s-socjeta intimata De Tigne Limited tigi xolta u konsegwentement stralcjata minn dina l-Onorabbli Qorti abbazi tal-Art. 214(2)(a)(i) u/jew l-Art. 214(2)(a)(ii) u/jew l-art. 214(2)(b)(iii) u dan a tenur tal-Art 218(1) tal-Att Dwar il-Kumpanniji;*

*6. Tordna li sakemm tinghata decizjoni finali jigi appuntat amministratur provvizorju sabiex jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-istess socjeta' rikorrenti.*

*7. Taghti kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata."*

3. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fit-3 ta' Settembru, 2020, il-konvenuta wieġbet:

*"1. Illi r-rikors pprezentat mis-socjeta rikorrenti attrici huwa rritu, null u proceduralment inproponibbli u ghandu ghalhekk jigi dikjarat tali, bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti u dan kawza tal-indeterminatezza tal-oggett tat-talba u mankanza ta' korrelazzjoni bejn it-talbiet kumulattivament proposti u bejn il-fatti relattivi ghall-pluralita tal-atti guridici kontestati. Fil-kaz ta` proposizioni ta' plurailta ta' talbiet kemm jekk alternattivi ghal xulxin u kemm jekk subordinati ghal xulxin, l-omissjoni tal-causa petendi relattiva ghal kull wahda mit-talbiet mressqa mis-socjeta rikorrenti iggib maghha n-nullita tal-azzjoni promossa, kawza tal-incertezza tal-oggett tal-kawza tenut kont tal-pluralita tal-possibilitajiet pprezentati u l-ipotesi ta' rwol attiv u selettiv inammissibli tal-gudikant.*

*2. Minghajr pregudizzju tas-suespost is-socjeta rikorrenti ghandha tipprova il-fatti minnha allegati u li jistghu talvolta jiddeterminaw ix-xoljiment rikjest minnha u ghandha ukoll tipprova l-htiega ghall-hatra ta' amministratur provizzorju specjalment tenut kont tal-istess allegazzjonijiet maghmula minnha fir-rikors promotur taghha.*

*3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

4. Fis-seduta tal-11 ta' Frar, 2021, l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuta sabiex fl-ewwel lok tingħata sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni.

5. B'sentenza tal-25 ta' Frar, 2021, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) ċaħdet l-eċċezzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.

6. Fis-17 ta' Marzu, 2021, is-soċjeta` konvenuta ppreżentat l-appell li bih tilmenta illi kuntrarjament għal dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, in-nullita` mhijiex il-konfużjoni legali jew il-kontradittorjeta` iżda l-fatt li: (a) il-kawżali li fuqhom hija bbażata l-azzjoni ttentata mis-soċjeta` appellata ġew preżentati u formulati bħala kawżali alternattivi u allura l-Qorti ġiet mitluba tagħżel liema kawżali hija dik applikabbli għall-miżura ta' xoljiment; u (b) sekondarjament, almenu fil-każ ta' waħda mill-kawżali alternattivi, in-nuqqas ta' kjarezza fit-tifsira tal-oġġett u tar-raġuni tagħha in mertu għat-talba għax-xoljiment tal-kumpanija tikkawżalha preġudizzju gravi għaliex tipprekludiha milli tiddefendi ruħha kontra t-talba għax-xoljiment għal 'raġunijiet gravi' li ma ġewx imfissra.

7. Fit-28 ta' Ottubru, 2021, l-attriċi ppreżentat tweġiba fejn fl-ewwel lok tat eċċezzjoni li l-appell hu null għaliex il-konvenuta ma talbitx il-permess tal-ewwel Qorti qabel ippreżentat l-appell (Art. 231(1) tal-Kap. 12). Argumentat ukoll li m'hemmx jedd ta' appell f'proċeduri ta' stralċ (Art.

214 tal-Att dwar il-Kumpaniji). Fil-meritu kkontestat it-teżi tal-konvenuta li r-rikors li bih inbdew il-proċeduri, hu null.

Konsiderazzjonijiet

8. Mill-atti jirriżulta li l-konvenuta ma mxietx skont l-Art. 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili qabel ippreżentat ir-rikors tal-appell. Dik id-dispożizzjoni tipprovdi:

> *"Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jinqatgħu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiż-żmien li jmiss li jibda jgħodd mill-jum meta tingħata l-aħħar sentenza; u f'dak l-appell għandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isirappell:*
>
> *Iżda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-aħħar sentenza biss bil-permess tal-qorti mogħti fil-qorti bil-miftuħ; u din it-talba għal permess biex isir appell għandha ssir jew verbalment meta tingħata s-sentenza jew b'rikors fi żmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jingħata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iż-żmien biex jiġi preżentat l-appell relattiv għandu jibda għaddej mill-jum minn meta jingħata dak il-permess fil-qorti bil-miftuħ."*

9. F'dan ir-rigward intqal li:

> *"Ghall-appell minn sentenza mhux definittiva l-ligi tirrikjedi formula sagramentali ravvizabbli minn manifestazzjoni espressa tal-volonta` tal-parti sokkombenti fformulata skond il-previzjoni tal-proviso ta' l-imsemmi Artikolu 231 (1), ossija, "jew verbalment meta tinghata s-sentenza jew b'rikors fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza";*
>
> *Gjaladarba sentenza ta' din in-natura hi soggetta ghal dak ir-regolament specjali jsegwi illi l-appell minnha ma jistax isir b'semplici rikors per saltum skond kif tiddeciedi l-parti telliefa izda biss wara l-otteniment mill-Qorti li tat dik is-sentenza tad-debita awtorizzazzjoni u, kif gja espress, fuq talba ad hoc. Appell propost meta din ir-ritwali ma tigix osservata hu inammissibbli u ma jistax jigi konsiderat in kwantu proceduralment difettuz;*

> ...
>
> *Fuq dan il-punt bizzejjed li jigi replikat illi "l-procedura hija ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma jistax jigi ammess li procedura stabbilita mil-ligi tigi sostitwita b'ohra, u lanqas bil-kunsens tal-kontroparti". Ara "Michele Parnis -vs-Carmelo Caruana nomine", Appell Civili, 23 ta' Gunju, 1952. Meta dan jigri, Qorti ta' revizjoni jkollha kull dritt, u, anzi, hi obbligata, tissolleva ex officio l-irritwalita` ta' l-appell."* [1]

10. Fil-każ in eżami l-attriċi ma talbitx permess lill-ewwel Qorti sabiex tippreżenta l-appell, la verbalment waqt is-seduta tal-25 ta' Frar, 2021, u lanqas b'rikors ippreżentat fi żmien sitt ijiem minn dik id-data. Kif skada dak iż-żmien, ma kienx għad fadal il-jedd ta' appell. Għaldaqstant l-appell hu null.

Għal dawn il-motivi tiddikjara li l-appell hu null u ma tqisux iktar. Spejjeż a karigu tal-kumpanija konvenuta.

Tordna lir-Reġistratur sabiex minnufih jibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-każ.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da

[1] *Andrew u Antoinette konjugi Tabone vs Emanuel u Mary konjugi Buhagiar*, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-20 ta' Novembru2009. Ara ukoll is-sentenza fl-ismijiet *Maurice Cefai v. Doris Fenech*, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-22 Novembru 2002